32006R0676

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 676/2006

tat-2 ta' Mejju 2006

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1980/2003 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jirrigwarda statistika tal-Komunità dwar dħul u kondizzjonijiet ta' għajxien (EU-SILC) fir-rigward ta' definizzjonijiet u definizzjonijiet aġġornati

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2003 li jirrigwarda l-istatistika tal-Komunità dwar id-dħul u l-kundizzjonijiet ta' għajxien (UE-SILC) [1] u b' mod partikolari l-Artikolu 15(2)(f) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 jistabbilixxi qafas komuni għall-produzzjoni sistematika ta' statistika Komunitarja dwar dħul u kundizzjonijiet ta' għajxien, li tinkludi informazzjoni komparabbli u f'waqtha li tkun rappreżentattiva u longitudinali, dwar id-dħul u l-livell u l-kompożizzjoni tal-faqar u l-esklużjoni soċjali fuq livelli nazzjonali u Ewropej.

(2) Bħala riżultat ta' l-adeżjoni ta' l-Istati Membri ġodda fl-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004, ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 ġie emendat bir-Regolament (KE) Nru 1553/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] tas-7 ta' Settembru 2005, sabiex jiġu adattati d-daqsijiet tal-kampjuni u jingħata ħin lill-Istati Membri ġodda biex jadattaw is-sistemi rispettivi tagħhom għall-metodi u d-definizzjonijiet armonizzati meta jikkompilaw l-istatistika tal-Komunità.

(3) Barra minn hekk, jidher li xi Stati Membri ġodda bħal xi Stati Membri eżistenti, jeħtieġu żmien addizzjonali biex jibagħtu d-*data* dwar id-dħul gross kif speċifikat fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1980/2003 [3].

(4) Ir-Reġolament (KE) Nru 1980/2003 għandu għalhekk jiġi emendat,

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Programm Statistiku

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 ta' l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1980/2003 jinbidel b'dan li ġej:

"B'deroga mill-paragarfu 2, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Portugall, il-Polonja u l-Latvja għandhom ikunu awtorizzati biex ma jibagħtux *data* dwar dħul gross mill-ewwel sena minn meta jibdew joperaw. Dawn il-pajjiżi għandhom, iżda, jibagħtu din id-*data* kemm jista' jkun malajr u f'kull każ mhux aktar tard mill-2007."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara l-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, nhar it-2 ta' Mejju 2006.

Għall-Kummissjoni
Joaquin ALMUNIA
Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 165, tat-3.7.2003, p. 1. Regolament hekk kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1553/2005 (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 6).

[2] ĠU L 255, tat-30.9.2005, p. 6.

[3] ĠU L 298, tas-17.11.2003, p. 1.